# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 25 ta' Frar 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christabelle Chetcuti)**

**vs**

**Omissis 1**

**Kumpilazzjoni Nru: 903/2015**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Omissis 1.

Akkuzat talli nhar it-13 ta' Novembru, 2015 ghall-habta ta' bejn il-5.15a.m. u l-05.30a.m. u/jew fix-xhur ta' qabel f'dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijet tal-Ligi li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Filwaqt li kien qed jaghmel reat kontra s-sigurta' tal-Gvern jew kontra l-persuna u cioe' kontra martu Omissis 2 (minbarra omicidju involontarju jew offiza involontarja fuq il-persuna) jew ta' serq jew hsara fil-proprjeta' (minbarra hsara involontarja fil-proprjeta') kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew munizzjon jew xi

imitazzjoni ta' dawk l-oggetti. Art 55 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Bl-imgieba tieghu ripetutament u/jew bl-uzu jew it-theddid tal-uzu tal-arma, ikkaguna lil mara tieghu Omissis 2 biza' li se tintuza vjolenza kontrieha jew kontra l-prorpjeta' taghha jew kontra l-persuna ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) (a) fil-prezenza tal-minuri Omissis 3, Omissis 4 u Omissis 5 u hekk huwa jaf jew messu kien jaf li l-imgieba tieghu ikkagunat lil hadd iehor hekk jibza' kull darba minn dawk l-okkazjonijiet. Art 18 Art 251B (1), 2561H (a), (b), (d), (g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess cirkostanzi minghajr ma darab jew sawwat, hedded b'gebel jew bi hwejjeg ohra, jew waddabhom, jew qabad armi ohra kontra martu Omissis 2. Art 339 (1) (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. U aktar talli fl-istess cirkostanzi hebb kontra martu Omissis 2 sabiex jingurja, dejjaqha jew jaghmel hsara lilha jew lil haddiehor. Art 339 (1) (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. U aktar talli fl-istess cirkostanzi ingurja jew hedded lill-mara tieghu Omissis 2, jew jekk kien provokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni. Art. 18 Art. 339 (1) (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. U aktar talli nhar it-13 ta' Novembru, 2015 u /jew xhur ta' qabel gewwa fond Omissis 6 bhala detentur ta' licenzja ta' l-armi ma zammx armi u munizzjon imnizzlin taht l-Iskeda I u l-Iskeda II li jinsabu ma' l-Att Kap 480, maqfulin sew f'post sigur gewwa l-imsemmija residenza u zgura li hadt hliefu ma jkollu access ghalihom. Art 8 (b) tal-Ligi Sussidjarja 480.02 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Omissis 2 garanzija taht artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll tohrog ordni ta' protezzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza jew individwi ohra skond artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex tordna l-konfiska ta’ armi regolari jew munizzjon li jkun qed jinzamm jew jingarr, jigu akkwistati jew ikunu fil-ussess, jigu importati jew esportati, mibjughin jew trasferiti bi ksur ta’ dispozizzjonijiet ta’ l-Att Dwar l-Armi (Kap 480) bhal konsegwenza tal-piena ghal dan il-ksur hekk kif mahsub fl-artikolu 56 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex thassar jew tissospendi licenzja mahruga taht l-Att Dwar l-Armi (Kap 480) u tipprojbixxi lil persuna milli jkollha xi licenzja taht dan l-Att ghal zmien hekk kif mahsub fl-artikolu 57 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta jekk kemm il darba il-persuna tinsab hatja ta’ reat taht dan l-Att.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat id-degriet ta’l-20 ta’ Novembru 2016 meta l-imputat inghata l-helsien mill-arrest u tpogga taht ordni provizzorju ta’ supervizzjoni.

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ammetta r-raba u l-hames imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu; aktar minn hekk huwa ddikjara li m’ghandux provi x’jipproduci.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunisdrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda incidenti li qed jinqalghu bejn il-konjugi Omissis 1 u Omissis 2; fil-fatt permezz ta’ l-imputazzjonijiet odjerni Omissis 1 qed jigi akkuzat li kkawza biza’ f’martu u uliedu li ser tintuza vjolenza kontra taghha, hebb, ingurja u theddied fil-konfront tal-istess martu u li qabad arma kontra taghha; aktar minn hekk qed jigi akkuzat li waqt li kkommetta delitt kontra l-persuna ta’ martu huwa uza arma tan-nar u li ma zammx arma tan-nar f’post sikur.

Illi l-imputat ammetta r-raba u l-hames imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi f'dan l-istadju ghandu jigi rilevat li Omissis 2 ghazlet li ma tixhidx f'dawn il-proceduri kontra zewgha ghalkemm hija kienet il-parte leza. Skond ma rrizulta fil-kors tal-proceduri hija ghazlet li ma tixhidx ghaliex wara li nqala' l-incident li wassal ghall-proceduri odjerni hija u sa kemm giet biex tixhed (f'l-ewwel udjenza wara l-prezentata taht arrest ta'l-imputat) hija ddeciediet li trid taghti l-ahhar opportunita lil zewgha biex jindirizza l-problemi tieghu u dan b'l-ghan li terga tghaqqad il-familja. Ghal din l-istess raguni Omissis 2 xtaqet li l-anqas uliedha minuri ma jixhdu f'dawn il-proceduri kontra missierhom.

Illi minhabba li hadd mill-persuni li kienu fid-dar fejn sehh l-incident ma xehed m'hemmx provi sufficjenti biex l-prosekuzzjoni ssostni l-ewwel, t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u dan anke tenut kont tal-fatt li l-imputat jichad li huwa qabad arma kontra martu u li hareg 'l barra mir-residenza tieghu b'arma.

Ikkunsidrat

Illi mid-depozizzjoni ta' PS1257 Conrad Ellul jirrizulta li huwa akkompanja lill-imputat fir-residenza tieghu sa biex l-istess imputat jikkonsenja l-armi li huwa kellu f'din ir-residenza; l-armi (tlieta) kienu qeghdin fil-kaxxa taghhom fuq il-gwardarobba. Dan il-fatt gie konfermat mill-istess imputat fit-tieni stqarrija li rrilaxxja (Dok CC7 esebieta a fol 21/22 tal-process) meta ghid li huwa nizzel arma minn fuq il-gwardarobba biex ikun jista' jiddefendi lilu nnifsu kontra persuna li huwa kellu suspetti fih.

Illi PS1257 Conrad Ellul prezenta kopja tal-licenzja mahruga lill-imputat (Dok CC10 esebiet a fol 42 tal-process). Huwa car minn dan id-dokument li l-licenzja mahruga lill-imputat hija dik ta' *Target Shooter A* ai termini tar-regolament 17 ta'l-Avviz Legali 177 tas-sena 2006.

Illi skond ir-regolament 21 ta'l-istess Avviz Legali hawn kwotat detentur ta' din it-tip ta' licenzja "*ghandu jzomm l-armi maqfulin bla perikolu u separatament mill-munizzjon*".

Illi s-sitt imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija s-segwenti:

*U aktar talli nhar it-13 ta' Novembru, 2015 u /jew xhur ta' qabel Omissis 6 bhala detentur ta' licenzja ta' l-armi ma zammx armi u munizzjon imnizzlin taht l-Iskeda I u l-Iskeda II li jinsabu ma' l-Att Kap 480, maqfulin sew f'post sigur gewwa l-imsemmija residenza u zgura li hadt hliefu ma jkollu access ghalihom. Art 8 (b) tal-Ligi Sussidjarja 480.02 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Illi huwa car li din l-imputazzjoni tirriproduci kwazi verbatim r-regolament 8(b) ta'l-Avviz Legali 177 tas-sena 2006; dan jipprovdi li *d-detentur ta' licenzja ghandu jzomm armi u munizzjon imnizzlin taht l-iskeda I u l-iskeda II li jinsabu ma'l-Att*[1]*, maqfulin sew f'post sigur gewwa r-residenza tieghu u jizgura li hadd hliefu ma jkollu access ghalihom.*

Illi dan il-provvediment pero japplika ghal detenturi ta' licenzja ta' Kollettur A liema licenzji huma regolati f'l-ewwel taqsima ta'l-Avviz Legali in ezami. Kif diga ntqal il-licenzja esebieta mahruga f'isem l-imputat hija *Licenzja A ta' Sparatur fuq Targets*. Dawn il-licenzja huma regolati fit-tielet taqsima ta'l-Avviz Legali 177 tas-sena 2006. Fil-fatt huwa r-regolament 22(1)(a) li jirregola kif ghandhom jinzammu l-armi mahruga taht din it-tip ta' licenzja. Konsegwentement is-sitt imputazzjoni (li hija bazata fuq ksur ta' obbligu ta' detebnur ta' licenzja ta' Kollettur A) ma tista qatt tirrizulta fil-konfront ta' l-imputat li ghandu Licenzja A ta' sparatur fuq targets.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi li wasslu ghall-incident mertu ta' dawn il-proceduri kif ukoll il-fedina penali kwazi netta ta' l-imputat. Il-Qorti qed tiehu in konisderazzjoni ukoll dak li rrizulta mid-depozizzjoni ta'l-ufficjal tal-probation u cioe li jidher li l-imputat beda jindirizza effettivament il-problemi tieghu u li huwa qed jikkopera kemm ma'l-istess ufficjal tal-probation u anke ma' professjonisti ohra involuti inkluz il-psikologu Kevin Sammut Henwood. Aktar minn hekk jidher li l-imputat u martu jixtiequ jirrikonciljaw u jahdmu fuq il-problemi fiz-zwieg taghhom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta'l-ewwel, it-tieni, it-tielet u s-sitt imputazzjonijiet u tilliberah minnhom, wara li rat l-

[1] Il-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

artikoli 339(1)(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tar-raba u l-hames imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tpoggih taht **ordni ta’probation ghal perjodu ta’ sentejn** bil-kundizzjonijiet elenkati f’l-ordni mghoti kontestwalment innkluz dik li matul il-perjodu ta’ probation ma zzommx armi li ghalihom hija mehtiega licenzja taht il-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta; u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 qed tpoggi lill-imputat taht **ordni ta’ trattament ghal perjodu ta’ sentejn** bil-kundizzjonijiet elenkati f’l-Ordni moghti kontestwalment inkluz dik li joqghod taht il-kura tal-Psikologu Dr Kevin Sammut Henwood.

In konkluzzjoni, u tenut kont li hija x-xewqa tal-parte civile Omissis 2 li tirrikoncilja ma’ zewgha u terga tilqaw fid-dar matrimonajli ordnijiet ai termini ta’l-artikoli 383 u 412C tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta mhumiex idonei ghal kaz in ezami, qed tichad it-talba tal-prosekuzzjoni ghall-impozizzjoni ta’ garanzija personali u l-hrug ta’ ordni ta’ trazzin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn, jew jekk ma joqghod ghall-ordnijiet lilu mghotija.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta’ din is-sentenza lid-Direttur ta’l-Ufficju tal-Probation.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**